**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Lulju 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 274/19 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**Av. Joseph Brincat u P.L. Madeleine Firman ,**

**Bhala Kuraturi Deputati in rapprezentanza tal-**

**CDB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB , numru tal-Karta tal-Identita' 4976976 M, datat 16 ta' Dicembru 2019, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-ghaxra (10) ta’ Awwissu, tas-sena elfejn u tlettax (2013);
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied ;
3. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti , m’ghadhix aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabilment , minhabba diversi ragunijiet serji li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali , fosthom billi l-intimat , abbanduna lill-esponenti u telaq minn Malta , snin ilu , u sa fejn taf l-esponenti qatt ma rritorna lura Malta ;
4. Illi l-intimat mar jghix f’post mhux maghruf ghall-esponenti;
5. Illi l-esponenti tablet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega, sabiex tipprocedi f’din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, skond ma rrizulta minn Dok A, anness;
6. Illi l-esponenti tablet ukoll il-hatra ta’ kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-intimat assenti, kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok B ;
7. Illi m’hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk, kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti, m’ghadhiex aktar possibbli, u li z-zwieg tkisser irrimedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat, u ghaldaqstant, ripprosunza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B;
2. Tapplika in toto, jew in parte, kontra l-intimat, l-effetti tad-dispozissjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjonu u assenjati lill-partijiet u , billi wkoll , tigi stabbilita data li minn dak inhar , l-intimat jitqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xogho, u bil-hila tar-rikorrenti , u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' Perit nominandi, u tordna wkoll id-divizjoni u assenjazzjoni ta' gid iehor komuni li hemm bejn il-kontendenti, bl-eventwali bejgh b'licitazzjoni ta' dak kollu li mhuwix kommodament divizibbli, u dan bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji, u taghti kull provvediment xieraq u opportun, fosthom illi jigi nominat nutar, sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-istess att;
4. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha, u kull kreditu li hi ghandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti;
5. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun;

Bl-ispejjez kontro l-intimat li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti noe,** datata 30 ta' Jannar 2020, fejn ippremettew illi ghalkemm huma mhux edotti mill-fatti u mhux possibbli li jkunu jafu izjed, ikollhom jirremettu ruhhom ghall-provi li ggib l-attrici.

**Rat is-sentenza in parte** moghtija fit-30 ta' Jannar, 2020, fejn il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti rat it-talba attrici** datata 25 ta' Frar 2020, illi b'referenza ghall-artikolu 66B tal-Kapitolu XV1 tal-Ligijiet ta' Malta l-attrici tikkonferma illi:

1. Il-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;
2. Ma hemm l-ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dana stante illi l-attrici la taf fejn jinsab il-konvenut u wisq anqas taghmel kuntatt mieghu;
3. Illi mhijiex qed titlob mantenimat minghand il-konvenut
4. Illi, ghalhekk, titlob illi t-talba ghas-separazzjoni tigi konvertita ghal talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju, u dan taht kull provvediment opposrtun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

L-attrici talbet ukoll li tirreverti ghal kunjom xbubitha, E.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-unika prova li tressqet f’din il-kawza kienet l-affidavit tal-attrici, fejn qalet li hi u l-konvenut CDB, persuna ta’ nazzjonalita’ Pakistana, kienu ltaqghu fuq il-mezzi socjali ‘online’ u kienu zzewgu fl-10 ta’ Awwissu 2013. Kienu jghixu ma’ ommha gewwa z-Zurrieq, fl-istess residenza ta’ ommha. L-attrici kienet tahdem bhala ‘carer’ fl-isptar San Vincenz, mentri l-konvenut kien jahdem gewwa fabbrika tal-pupi. L-attrici tghid li l-paga taghha kienet tintuza ghall-hajja taghhom, mentri l-paga tal-konvenut kien jizaha hu ghall-affarjiet tieghu u biex jibghat flus lura lil ommu gewwa l-Pakistan.

Ftit xhur wara z-zwieg, fl-10 ta' Frar 2014, il-konvenut hareg mid-dar u ma rritornax lura. Minn dakinhar, l-attrici qatt ma ratu aktar. Tghid ukoll li f'Dicembru 2019, ommha tatha b'donazzjoni s-somma ta' €158,000.00, biex tkun tista' tixtri proprjeta' f'isimha stess. Dan jirrizulta minn dokument anness mal-istess affidavit, li huwa vera kopja ta' att ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa'.

Tenut kont ghalhekk ta' dawn il-provi, kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz, jidher car li l-konvenut abbanduna hesrem iz-zwieg. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici, bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-konvenut.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, ghal ragunijiet imputabbli biss lill-konvenut.

Tilqa' t-tieni talba, u tiddikjara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' abbandun.

Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji miktubin f'isimhom.

Tilqa' r-raba' talba.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe' E.

Spejjez kollha jibqghu a kariku tal-konvenut.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**